REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2056

tas-26 ta' Settembru 2023

li jemenda l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 945/2014 fir-rigward ta' aġġornament tal-lista ta' indiċi diversifikati b'mod xieraq rilevanti f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 344(1), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġi żgurat li l-indiċi tal-borża elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 945/2014 ([2]) ikomplu jissodisfaw il-kundizzjonijiet fejn ir-riskju speċifiku tagħhom jista' jiġi injorat, l-Awtorità Bankarja Ewropea ivvalutat mill-ġdid l-indiċijiet rilevanti fid-dawl tal-aħħar *data* disponibbli, li hija d-*data* tas-sena 2022. Dik ir-rivalutazzjoni wriet il-ħtieġa li tiġi aġġornata l-lista ta' indiċi diversifikati b'mod xieraq rilevanti.

(2) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 945/2014 jiġi emendat skont dan.

(3) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

(4) L-emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 945/2014 ma jirriżultawx minħabba bidliet fil-metodoloġija tal-valutazzjoni applikata. B'hekk, għall-iskop uniku li taġġorna l-lista ta' indiċi diversifikati b'mod xieraq rilevanti, l-Awtorità Bankarja Ewropea la wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, u lanqas ma analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati meta jitqies li tali konsultazzjoni jew analiżi tkun sproporzjonata ħafna fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-emendi introdotti u l-impatt tal-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni kkonċernati. Fil-fatt, għadd żgħir biss ta' indiċi jenħtieġ li jitneħħew minn dik il-lista b'konsegwenza tar-rivalutazzjoni, u dawn l-indiċi huma fi kwalunkwe każ maqbuża mill-indiċi l-ġodda introdotti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 945/2014 huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 945/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' indiċi diversifikati b'mod xieraq rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 265, 5.9.2014, p. 3).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS

L-indiċi tal-borża li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 344 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

	Indiċi	Pajjiż/Żona
1.	STOXX Asia/Pacific 600	L-Asja/Il-Paċifiku
2.	ASX100	L-Awstralja
3.	ATX	L-Awstrija
4.	ATX Prime	L-Awstrija
5.	BEL20	Il-Belġju
6.	SaoPaulo – Bovespa	Il-Brażil
7.	TSX60	Il-Kanada
8.	CETOP20 Index	L-Ewropa Ċentrali
9.	CSI 100 Index	Iċ-Ċina
10.	CSI 300 Index	Iċ-Ċina
11.	FTSE China A50 Index	Iċ-Ċina
12.	Hang Seng Mainland 100 China	Iċ-Ċina
13.	OMX Copenhagen 25	Id-Danimarka
14.	OMX Copenhagen Benchmark	Id-Danimarka
15.	FTSE RAFI Developed 1000	Swieq Żviluppati
16.	CECE Composite Index EUR	L-Ewropa tal-Lvant
17.	FTSE RAFI Emerging Markets	Swieq Emerġenti
18.	MSCI Emerging Markets 50	Swieq Emerġenti
19.	Cboe Eurozone 50	L-Ewropa
20.	DJ Euro STOXX 50	L-Ewropa
21.	FTSE All World Europe	L-Ewropa
22.	FTSE Euro 100	L-Ewropa
23.	FTSE Eurofirst 100	L-Ewropa
24.	FTSE Eurofirst 300	L-Ewropa
25.	FTSE Eurofirst 80	L-Ewropa
26.	FTSE Eurotop 100	L-Ewropa
27.	MSCI Euro	L-Ewropa
28.	MSCI Europe	L-Ewropa
29.	MSCI Pan-Euro	L-Ewropa
30.	NTX New Europe Blue Chip	L-Ewropa
31.	S&P Euro	L-Ewropa
32.	S&P Europe 350	L-Ewropa
33.	STOXX All Europe 100	L-Ewropa

34.	STOXX All Europe 800	L-Ewropa
35.	STOXX Europe 50	L-Ewropa
36.	STOXX Europe 600	L-Ewropa
37.	STOXX Europe 600 Equal Weight	L-Ewropa
38.	STOXX Europe Lrg 200	L-Ewropa
39.	STOXX Europe Mid 200	L-Ewropa
40.	STOXX Europe Small 200	L-Ewropa
41.	STOXX Select Dividend 30	L-Ewropa
42.	OMXH25	Il-Finlandja
43.	CAC40	Franza
44.	Cboe France 40	Franza
45.	SBF 120	Franza
46.	Cboe Germany 40	Il-Ġermanja
47.	DAX	Il-Ġermanja
48.	HDAX	Il-Ġermanja
49.	MDAX	Il-Ġermanja
50.	SDAX	Il-Ġermanja
51.	FTSE RAFI All World	Globali
52.	MSCI World Index	Globali
53.	Athens General	Il-Greċja
54.	FT ASE Large Cap	Il-Greċja
55.	Hang Seng	Hong Kong
56.	Hang Seng China Enterprises	Hong Kong
57.	NIFTY 50	L-Indja
58.	S&P BSE 100	L-Indja
59.	ISEQ 20	L-Irlanda
60.	Cboe Italy 40	L-Italja
61.	FTSE MIB	L-Italja
62.	Nikkei225	Il-Ġappun
63.	Nikkei300	Il-Ġappun
64.	TOPIX 400	Il-Ġappun
65.	TOPIX Core 30	Il-Ġappun
66.	S&P Latin America 40	L-Amerka Latina
67.	FTSE Bursa Malaysia KLCI	Il-Malażja
68.	FTSE Bursa Malaysia Top100	Il-Malażja
69.	MSE Share Index	Malta
70.	INMEX Index	Il-Messiku
71.	IPC Index	Il-Messiku
72.	AEX	In-Netherlands

73.	AMX	In-Netherlands
74.	Cboe Netherlands 25	In-Netherlands
75.	NZSE50	New Zealand
76.	Cboe Norway 25	In-Norveġja
77.	OBX	In-Norveġja
78.	OBXP	In-Norveġja
79.	mWIG40	Il-Polonja
80.	WIG20	Il-Polonja
81.	MSCI Singapore Free Index	Singapore
82.	Straits Times Index	Singapore
83.	FTSE JSE Top 40	L-Afrika t'Isfel
84.	Cboe Spain 35	Spanja
85.	IBEX35	Spanja
86.	Cboe Sweden 30	L-Iżvezja
87.	OMX Stockholm 30	L-Iżvezja
88.	Cboe Switzerland 20	L-Iżvizzera
89.	SMI	L-Iżvizzera
90.	SMI MID	L-Iżvizzera
91.	SET 50	It-Tajlandja
92.	Cboe UK 100	Ir-Renju Unit
93.	FTSE 100	Ir-Renju Unit
94.	FTSE AIM 100	Ir-Renju Unit
95.	FTSE AIM UK 50	Ir-Renju Unit
96.	FTSE Fledgling	Ir-Renju Unit
97.	FTSE mid-250	Ir-Renju Unit
98.	FTSE Small Cap	Ir-Renju Unit
99.	Dow Jones Ind. Av.	L-Istati Uniti tal-Amerka
100.	NASDAQ 100	L-Istati Uniti tal-Amerka
101.	S&P 500	L-Istati Uniti tal-Amerka"